



Brussell, 23 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10817/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0097(COD)

CODEC 808
PROCIV 57
JAI 706
COHAFA 49
FIN 620
CADREFIN 237
PE 56

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili - Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Brussell, l-14 sas-17 ta' Settembru 2020)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteur, Nikos Androulakis (S&D, EL), ippreżenta rapport li jikkonsisti f'87 emenda (l-emendi 1-87) għall-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq fisem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel.

Barra minn hekk, il-grupp PPE ppreżenta żewġ emendi (l-emendi 88-89) u diversi MPEs tal-grupp PPE ppreżentaw ħames emendi (l-emendi 90-94).

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fil-15 ta' Settembru 2020, il-plenarja adottat 88 emenda (1-9, 11-89) għall-proposta għal Deċiżjoni. L-ebda emenda oħra ma ġiet adottata. L-emendi adottati jinsabu fl-anness.

Fi tmiem il-votazzjoni fis-16 ta' Settembru 2020, il-proposta ġiet riferuta lura lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, skont ir-Regola 59(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament ma jingħalaqx u jinfetħu n-negozjati mal-Kunsill.

P9_TA-PROV(2020)0218

Emenda tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (COM(2020)0220 – C9-0160/2020 – 2020/0097(COD))¹

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

**Proposta għal deċiżjoni
Kunsiderazzjoni 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 **u l-Artikolu 322(1)(a)** tiegħu,

Emenda

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 tiegħu,

Emenda 2

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 1a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) It-tibdil fil-klima qed iwassal għal żieda fil-frekwenza, l-intensità u l-komplessità tad-diżastri naturali madwar id-dinja, u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, huma partikolarment vulnerabbli

¹ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba subparagrafu (A9-0148/2020).

minħabba, minn naħa waħda, il-kapaċità sottożviluppata tagħhom li jadattaw għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u li jimmitigawhom, u li jirreaġixxu għad-diżastri relatati mal-klima, u, min-naħa l-oħra, l-esponiment ġeografiku tagħhom għall-għargħar, in-nixfiet u n-nirien fil-foresti.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 2

Test proposit mill-Kummissjoni

(2) Filwaqt li **jirrikonoxxi** r-responsabbiltà primarja ***tal-Istati Membri*** għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Emenda

(2) Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem ***tibqa' tal-Istati Membri***, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, ***u b'mod partikolari r-rescEU***, jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ***billi jikkomplementa l-kapaċitajiet eżistenti tal-Istati Membri, filwaqt li jippermetti tħejjija u reazzjoni aktar effettivi, meta l-kapaċitajiet fil-livell nazzjonali ma jkunux suffiċjenti.***

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 2a (ġdida)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) In-nirien fil-foresti jheddu l-ħajjiet, l-għajxien u l-bijodiversità, jikkawżaw ir-rilaxx ta' ammonti kbar ta' emissjonijiet tal-karbonju u jnaqqsu l-kapaċità ta' assorbiment tal-karbonju tal-pjaneta, u dawn jaggravaw aktar it-tibdil fil-klima. Ta' tħassib partikolari huma s-sitwazzjonijiet fejn iż-żoni forestali jew radjuattivi kkontaminati jinquerdu bin-nar. Iż-żieda fid-diżastri relatati mal-klima, inklużi n-nirien fil-foresti, tirrikjedi tisħiħ tal-operazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili barra mill-Unjoni, inklużi l-attivitajiet li jiffukaw fuq il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-esperjenza bla preċedent tal-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-effettività tal-Unjoni fl-immaniġġar tal-kriżijiet hija limitata mill-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ta' governanza tagħha, iżda wkoll mil-livell ta' thejjiġja tal-Unjoni f'każ ta' diżastri li jolqtu l-maġġoranza tal-Istati Membri.

Emenda

(3) L-esperjenza bla preċedent tal-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-effettività tal-Unjoni fl-immaniġġar tal-kriżijiet hija limitata mill-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ta' governanza tagħha, iżda wkoll mil-livell ta' thejjiġja tal-Unjoni f'każ ta' diżastri li jolqtu l-maġġoranza tal-Istati Membri. ***Barra minn hekk, huwa ċar li l-Unjoni u l-Istati Membri mhumix preparati biżżejjed għal diżastri aktar estremi u kumplessi b'konsegwenzi globali estensivi u aktar fit-tul, bħal pandemija fuq skala kbira. Għalhekk, huwa essenzjali li l-azzjonijiet ta' protezzjoni ċivili mwettqa mill-Istati Membri jkunu koordinati aħjar u li r-rescEU tissaħħaħ.***

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) L-esperjenza tal-kriżi tal-COVID-19 uriet li l-Unjoni u l-Istati Membri mhumix preparati adegwatament biex jirreaġixxu għal emerġenzi fuq skala kbira u li l-qafas legali eżistenti mhumiex adegwat biżżejjed għall-iskop. Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat ukoll kif il-konsegwenzi tal-katastrofijiet għas-saħħa tal-bniedem, għall-ambjent, għas-soċjetà u għall-ekonomija jistgħu jkunu ta' kobor mingħajr preċedent. Fid-dawl tal-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċità u l-azzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tas-saħħa u l-protezzjoni ċivili, huwa essenzjali li r-rescEU tissaħħaħ u ssir aktar flessibbli u rapida, u li tkun ikkoordinata aħjar mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni ċivili. Huwa essenzjali wkoll li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni suffiċjenti dwar il-prevenzjoni u t-thejjiġja tagħhom fir-rigward tal-emerġenzi.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Sabiex jiġu mmassimizzati t-trasparenza u l-akkontabilità għaċ-ċittadini tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li ttippreżenta gwida dwar kif jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-infiq imwettaq permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili li jenħtieġ li jikkwalifika bħala Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA).

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3c) Fid-dawl tal-esperjenza tat-tifqigħa tal-COVID-19 u b'kont meħud tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità ta' reazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tas-saħħa u tal-protezzjoni ċivili, ir-resceEU jenħtieġ li tissaħħaħ b'mod sinifikanti biex ittejjeb ir-rendiment tagħha f'kull wieħed mit-tliet pilastru tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni: il-prevenzjoni, it-tnejn u r-reazzjoni.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jissaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u b'hekk inkunu mħejjija aħjar meta jseħħu ċirkostanzi bħal dawn fil-futur.

(5) Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jissaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u b'hekk inkunu mħejjija aħjar meta jseħħu ċirkostanzi bħal dawn fil-futur. ***It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jikkomplementa l-politiki u l-fondi tal-Unjoni u jenħtieġ li ma jkunx sostitut għall-integrazzjoni tal-prinċipju ta' reżiljenza għad-diżastri f'dawk il-politiki u l-fondi.***

Emenda 88

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6

Test proposit mill-Kummissjoni

(6) Biex ittejjeb l-ippjanar fil-prevenzjoni u t-tħejjija, jenħtieġ li l-Unjoni **tissokta tappoġġa** l-investment fil-prevenzjoni tad-diżastri f'bosta setturi, u **għal** approċċi komprensivi ta' mmaniġġar tar-riskju li jirfdu l-prevenzjoni u t-tħejjija, b'kunsiderazzjoni ta' approċċ ta' perikli multipli, approċċ imsejjes fuq ekosistema u l-impatti probabbli tat-tibdil fil-klima, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunitajiet xjentifiċi **u** mal-operaturi ekonomiċi ewlenin. Għal dan il-għan, l-approċċi transsettorjali u għal perikli multipli jenħtieġ li jitpoġġa fuq quddiem u li jkun imsejjes fuq għanijiet ta' reżiljenza għall-Unjoni kollha li jikkontribwixxu għal definizzjoni bażi tal-kapaċitajiet u t-tħejjija. Il-Kummissjoni se taħdem id f'id mal-Istati Membri biex tiddefinixxi l-għanijiet ta' reżiljenza għall-Unjoni kollha.

Emenda

(6) Biex ittejjeb **ir-reżiljenza u** l-ippjanar fil-prevenzjoni u t-tħejjija, jenħtieġ li l-Unjoni **ssaħħa** l-investment fil-prevenzjoni tad-diżastri **bejn il-fruntieri u** f'bosta setturi, **inklużi dawk li jseħħu minħabba attività siżmika, bħat-terremoti, jew minħabba għargħar jew instabbiltà idroġeoloġika, bħal uqigħ tal-art**, u approċċi komprensivi ta' mmaniġġar tar-riskju li jirfdu l-prevenzjoni u t-tħejjija, b'kunsiderazzjoni ta' approċċ ta' perikli multipli, approċċ imsejjes fuq ekosistema u l-impatti probabbli tat-tibdil fil-klima, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunitajiet xjentifiċi, mal-operaturi ekonomiċi ewlenin **u mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, li huma atturi ewlenin fiċ-ċiklu tal-ġestjoni tad-diżastri, kif ukoll mas-settur terzjarju u ma' organizzazzjonijiet volontarji li joperaw fil-qasam u jeħtieġ li ma jikkompromettux il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-Unjoni eżistenti**. Għal dan il-għan, l-approċċi transsettorjali, **transfruntieri** u għal perikli multipli jenħtieġ li jitpoġġa fuq quddiem u li jkun imsejjes fuq għanijiet ta' reżiljenza għall-Unjoni kollha li jikkontribwixxu għal definizzjoni bażi tal-kapaċitajiet u t-tħejjija. Il-Kummissjoni se taħdem id f'id mal-Istati Membri **u mal-Parlament Ewropew** biex tiddefinixxi l-għanijiet ta' reżiljenza għall-Unjoni kollha **u biex tqis kwalunkwe pjan operattiv ta' reazzjoni għal emerġenza li diġà jeżisti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali**.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6 a (ġdida)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) **Sabiex ikun żgurat li prevenzjoni tad-diżastri tkun effiċjenti, jenħtieġ li t-testijiet tal-istress u proċess għaċ-ċertifikazzjoni tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni jitqiesu bħala elementi fundamentali. Valutazzjonijiet regolari tar-riskju fil-livell reġjonali u lokali huma meħtieġa biex l-awtoritajiet nazzjonali**

jkunu jistgħu jieħdu miżuri biex isaħħu r-reżiljenza fejn meħtieġ, inkluż bl-użu tal-fondi eżistenti tal-Unjoni. Tali valutazzjonijiet tar-riskju jenħtieġ li jiffukaw fuq karatteristiċi speċifiċi għal kull reġjun, bħall-attività sismika, l-għargħar frekwenti jew in-nirien fil-foresti. Dawk il-valutazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu wkoll il-livell ta' kooperazzjoni transfruntiera, sabiex il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jkollu informazzjoni dettaljata dwar il-kapaċitajiet disponibbli lokalmement sabiex l-intervent jista' jsir aktar speċifiku.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6 b (ġdida)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) L-iżvilupp ta' għanijiet tal-Unjoni ta' reżiljenza għad-diżastri b'appoġġ għal azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija jenħtieġ li jinvolti valutazzjoni eżatta tal-konsegwenzi u jqis il-konsegwenzi soċjali fit-tul osservati fl-ewwel stadju ta' wara emerġenza li jkunu ġestiti minn aġenziji tal-protezzjoni ċivili, b'attenzjoni partikolari għall-persuni l-aktar vulnerabbli.

Emenda 89

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6 c (ġdida)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(6 c) Ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri huwa ta' importanza kbira, u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tagħhom jeħtieġ li jkunu involuti b'mod xieraq fi kwalunkwe attività ta' koordinazzjoni u mobilizzazzjoni li ssir fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni, f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali u legali tal-Istati Membri, bil-għan li jiġu mminimizzati s-sovrapożizzjonijiet u titrawwem l-interoperabbiltà. Tali awtoritajiet jistgħu jaqdu rwol preventiv importanti u huma wkoll

l-ewwel li jirreaġixxu wara diżastru, flimkien mal-kapaċitajiet tal-voluntiera tagħhom. Għaldaqstant, teżisti l-ħtieġa ta' kooperazzjoni kontinwa fil-livell lokali, reġjonali u transfruntier bil-għan li jiġu stabbiliti sistemi ta' twissija komuni biex isir intervent rapidu qabel il-mobilizzazzjoni tar-rescEU, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni regolari għall-pubbliku dwar il-miżuri ta' reazzjoni inizjali.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni Premessa 8a (ġdida)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-ħolqien ta' ġabra ta' riżorsi jiġbor flimkien sensiela ta' timijiet tas-salvataġġ, esperti u tagħmir li l-Istati Membri dejjem iżommu għal dak li jista' jinqala' b'rabta mal-missjonijiet ta' protezzjoni ċivili tal-Unjoni. Huwa essenzjali li daww it-timijiet jirrispettavw kriterji eżiġenti ta' kwalità u affidabbiltà biex jiżguraw l-interoperabbiltà tagħhom.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jagħmel użu minn infrastrutturi spazjali tal-Unjoni bħall-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus), Galileo, is-Sistema ta' Għarfien ta' Sitwazzjonijiet u GOVSATCOM, li jipprovdu għodod importanti ta' reazzjoni għal emerġenzi interni u esterni fil-livell tal-Unjoni. Is-Sistemi ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus qegħdin jagħtu appoġġ lill-ERCC fid-diversi fażijiet ta' emerġenza mit-twissija bikrija u l-prevenzjoni **ta' diżastri** u l-irkupru. Il-GOVSAATCOM se ttiprovdi kapaċità ta' komunikazzjoni bis-satellita sikura mfassla b'mod speċifiku għall-ħtiġijiet tal-utenti governattivi fl-immaniġġar ta' emerġenzi. Galileo hija l-ewwel infrastruttura globali ta' navigazzjoni u ta'

(9) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jagħmel użu minn infrastrutturi spazjali tal-Unjoni bħall-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus), Galileo, is-Sistema ta' Għarfien ta' Sitwazzjonijiet u GOVSATCOM, li jipprovdu għodod importanti ta' reazzjoni għal emerġenzi interni u esterni fil-livell tal-Unjoni. Is-Sistemi ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus qegħdin jagħtu appoġġ lill-ERCC fid-diversi fażijiet ta' emerġenza mit-twissija bikrija u l-prevenzjoni **sad-diżastru** u l-irkupru. Il-GOVSAATCOM se ttiprovdi kapaċità ta' komunikazzjoni bis-satellita sikura mfassla b'mod speċifiku għall-ħtiġijiet tal-utenti governattivi fl-immaniġġar ta' emerġenzi. Galileo hija l-ewwel infrastruttura globali ta' navigazzjoni u ta'

pożizzjonament bis-satellita ddisinjata għal skopijiet ċivili fl-Ewropa u madwar id-dinja, u tista' tintuża f'oqsma oħra bħall-immaniġġar ta' emerġenzi, fosthom fl-attivitajiet ta' twissija bikrija. Is-servizzi rilevanti ta' Galileo se jinkludu servizz ta' emerġenza li jxandar, permezz tal-emissjoni ta' sinjali, twissijiet dwar diżastri naturali jew emerġenzi oħra f'oqsma partikolari. L-Istati Membri jenħtieġ li **jkunu jistgħu** jużaw dan is-servizz. Meta jiddeċiedu li jużawh sabiex jivvalidaw is-sistema, jenħtieġ li jidentifikaw u javżaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jkunu se jużaw dak is-servizz ta' emerġenza.

pożizzjonament bis-satellita ddisinjata għal skopijiet ċivili fl-Ewropa u madwar id-dinja, u tista' tintuża f'oqsma oħra bħall-immaniġġar ta' emerġenzi, fosthom fl-attivitajiet ta' twissija bikrija. Is-servizzi rilevanti ta' Galileo se jinkludu servizz ta' emerġenza li jxandar, permezz tal-emissjoni ta' sinjali, twissijiet dwar diżastri naturali jew emerġenzi oħra f'oqsma partikolari. **Meta jitqies il-potenzjal tiegħu li jsalva l-ħajjiet u jiffaċilita l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' emerġenza**, l-Istati Membri jenħtieġ li **jiġu mħeġġa** jużaw dan is-servizz. Meta jiddeċiedu li jużawh sabiex jivvalidaw is-sistema, jenħtieġ li jidentifikaw u javżaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jkunu se jużaw dak is-servizz ta' emerġenza.

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u r-rescEU jenħtieġ li jiġu żviluppati b'mod li jippermetti lill-Unjoni tirreaġixxi b'mod effettiv għal firxa wiesgħa ta' emerġenzi. It-tibdil fil-klima qed iwassal għal żieda fil-frekwenza, l-intensità u l-komplessità tad-diżastri naturali fl-Unjoni u madwar id-dinja, u jirrikjedi livell għoli ta' solidarjetà bejn il-pajjiżi. Kull sena, ħafna Stati Membi jiġu devastati minn nirien fil-foresti li jeqirdu eluf ta' ettari u jħallu bosta nies mejta. Din is-sitwazzjoni kienet partikolarment evidenti matul l-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2017 fil-Portugall, li wassal għall-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-rescEU ta' Novembru 2017. Il-kapaċità ta' prevenzjoni u reazzjoni tal-Istati Membri, inklużi daww milquta l-aktar min-nirien fil-foresti, ħafna drabi tkun insuffiċjenti. Huwa għalhekk essenzjali li l-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija u r-reazzjoni għalihom jissaħħu, u li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni jinkludi kapaċitajiet suffiċjenti, inkluż matul il-perjodu ta' tranżizzjoni tar-rescEU, biex tittieħed azzjoni meta jseħħu nirien fil-foresti u diżastri naturali oħra.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Matul il-pandemija tal-COVID-19, abbażi tad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, il-Kummissjoni setgħet tinkludi fir-rescEU kumulazzjoni ta' riżerva medika, li tikkonsisti f'kontromiżuri mediċi bħal tagħmir mediku għall-kura intensiva, tagħmir protettiv personali, provvisti tal-laboratorji, vaċċini u terapiji, għal skopijiet ta' thejġija u reazzjoni għal theddida transfruntiera serja għas-saħħa. Minn din il-kumulazzjoni ta' riżerva medika, ingħata tagħmir protettiv personali lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati. Madankollu, minħabba li l-Istati Membri biss jistgħu jakkwistaw, jikru jew jiksbu b'lokazzjoni l-kapaċitajiet tar-rescEU, għadda aktar minn xahar bejn l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni għall-istabbiliment tal-kumulazzjoni ta' riżerva msemmija hawn fuq u l-ewwel użu tat-tagħmir mediku u l-provvisti kkonċernati.

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) **Biex** ikollha l-kapaċità operazzjonali tirreaġixxi malajr għal **emerġenza** fuq skala kbira jew għal **avveniment** bi probabbiltà baxxa u b'impatt kbir bħall-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-Unjoni jkollha l-possibbiltà li takkwista, tixtri, tikseb b'lokazzjoni jew tikkuntratta kapaċitajiet tar-rescEU biex tkun tista' tgħin lil daww l-Istati Membri li jinħakmu minn emerġenzi fuq skala kbira, b'konformità mal-kompetenza ta' appoġġ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili **u b'attenzjoni partikolari għall-persuni vulnerabbli**. Dawn il-kapaċitajiet iridu jiġu prepożizzjonati f'ċentri loġistiċi ġewwa l-Unjoni **jew, għal raġunijiet strateġiċi, permezz ta' networks fdati ta' ċentri bħall-Imħażen tar-Reazzjoni Umanitarja tan-**

(10) **Sabiex** ikollha l-kapaċità operazzjonali **biex** tirreaġixxi malajr **u b'mod effettiv** għal **emerġenzi** fuq skala kbira jew għal **avvenimenti** bi probabbiltà baxxa u b'impatt kbir bħall-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-Unjoni jkollha l-possibbiltà li takkwista, tixtri, tikseb b'lokazzjoni jew tikkuntratta **b'mod awtonomu** kapaċitajiet tar-rescEU biex tkun tista' tgħin lil daww l-Istati Membri li jinħakmu minn emerġenzi fuq skala kbira **kif ukoll emerġenzi transfruntieri**, b'konformità mal-kompetenza ta' appoġġ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Dawn il-kapaċitajiet iridu jiġu prepożizzjonati f'ċentri loġistiċi ġewwa l-Unjoni. **Meta jkun meħtieġ, l-EMA u l-ECDC jenħtieġ li jiġu kkonsultati dwar id-**

NU.

definizzjoni, l-immaniġġar u d-distribuzzjoni tal-kapaċitajiet dedikati għar-reazzjoni għall-emerġenzi mediċi.

Emenda 18

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 10a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Fit-twettiq tal-attivitajiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-persuni vulnerabbli. Barra minn hekk, u sabiex tiġi evitata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza domestika, fi żminijiet ta' kriżi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, gwida bbażata fuq l-aħjar prattiki biex tappoġġa l-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

Emenda 19

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 10b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Abbażi tal-prinċipji ta' solidarjetà u kopertura universali tas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità u tar-rwol ċentrali tal-Unjoni fl-aċċelerazzjoni tal-progress rigward l-isfidi tas-saħħa globali, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, b'mod li jikseb sinerġija u komplementarjetà ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-programm l-UE għas-Saħħa, jenħtieġ li joħloq prevenzjoni, tħejjija u kapaċità ta' reazzjoni aħjar fir-rigward tal-emerġenzi

mediċi.

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-kapaċitajiet tar-rescEU li jinxtraw, jinkrew, jinkisbu b'lokazzjoni jew inkella jiġu kkuntrattati mill-Istati jistgħu jintużaw għal skopijiet nazzjonali, iżda dan meta ma jkunux qed jintużaw jew ikunu meħtieġa għal **operazzjoni** ta' reazzjoni permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

Emenda

(11) Il-kapaċitajiet tar-rescEU li jinxtraw, jinkrew, jinkisbu b'lokazzjoni jew inkella jiġu kkuntrattati mill-Istati **Membri jew mill-Kummissjoni** jistgħu jintużaw għal skopijiet nazzjonali **mill-Istati Membri li jospitaw daww il-kapaċitajiet**, iżda dan meta ma jkunux qed jintużaw jew ikunu meħtieġa għal **operazzjonijiet** ta' reazzjoni permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni **u filwaqt li l-prijorità tingħata lill-ġlieda kontra l-emerġenzi transfruntieri.**

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Fejn meħtieġ l-Unjoni għandha l-interess li tirreaġixxi f'pajjiżi terzi. Filwaqt li primarjament il-kapaċitajiet tar-rescEU **inħolqu** bħala xibka ta' sikurezza fl-Unjoni, dawn jistgħu jintużaw barra mill-Unjoni f'każijiet iġġustifikati kif xieraq u b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji umanitarji.

Emenda

(12) Fejn meħtieġ l-Unjoni għandha l-interess li tirreaġixxi f'pajjiżi terzi. Filwaqt li primarjament il-kapaċitajiet tar-rescEU **nħolqu** bħala xibka ta' sikurezza fl-Unjoni, dawn jistgħu jintużaw barra mill-Unjoni f'każijiet iġġustifikati kif xieraq, **b'konsultazzjoni ma' atturi umanitarji qabel l-interventi**, u b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji umanitarji.

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-Istati Membri **jistgħu** jingħataw appoġġ biex jagħtu l-assistenza **bis-setgħa tat-tisħiħ ulterjuri tar-Riżerva** Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili **billi l-kostijiet operatorji** tal-kapaċitajiet impenjati **jiġu kofinanzjati meta**

Emenda

(13) **Sabiex** l-Istati Membri jingħataw appoġġ biex jagħtu l-assistenza **anki barra l-Unjoni, ir-Riżerva** Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili **jenħtieġ li tissaħħaħ aktar bil-kofinanzjament tal-kostijiet operattivi** tal-kapaċitajiet impenjati **fl-istess livell,**

jintużaw barra mill-Unjoni.

irrispettivament minn jekk jintużawx fl-Unjoni jew barra l-Unjoni.

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fit-tifi tan-nirien fil-foresti mill-ajru u b'reazzjoni għal diżastri oħra, il-proċessi amministrattivi jenħtieġ li jiġu simplifikati, meta jkun possibbli, sabiex ikun żgurat intervent immedjat.

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) Meta jitqies li ***l-iskjerament*** ta' kapaċitajiet tar-rescEU għall-kapaċitajiet ta' ***rispons*** fil-kuntest tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni jagħti valur miżjud sinifikanti tal-Unjoni għaliex jiżgura ***r-reazzjoni effettiva*** u ***rapida*** għal persuni ***f'emerġenza***, jenħtieġ li ***jsiru obbligi ulterjuri b'rabta mal-viżibbiltà biex l-Unjoni tingħata*** *prominenza*.

(16) Meta jitqies li ***l-użu*** ta' kapaċitajiet tar-rescEU għall-kapaċitajiet ta' ***reazzjoni*** fil-kuntest tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni jagħti valur miżjud sinifikanti tal-Unjoni għaliex jiżgura ***reazzjoni effettiva*** u ***rapida*** għal persuni ***f'emerġenzi***, jenħtieġ li ***jissaħħu l-obbligi biex tingħata informazzjoni liċ-ċittadini u lill-midja tal-Unjoni u anki biex tingħata*** *prominenza lill-Unjoni. L-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jirċievu linji gwida dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni għal kull intervent partikolari biex jiżguraw li r-rwol tal-Unjoni jingħata l-viżibbiltà li jixraq.*

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) ***Il-ġestjoni indiretta jenħtieġ li tintuża bħala metodu għall-implimentazzjoni tal-baġit*** sabiex tiżdied il-flessibbiltà kif ukoll biex ***il-baġit jiġi eżegwit bl-aħjar mod possibbli.***

(17) Sabiex tiżdied il-flessibbiltà kif ukoll biex ***tinkiseb implimentazzjoni ottimali tal-baġit, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tipprevedi l-ġestjoni indiretta bħala metodu ta' eżekuzzjoni tal-baġit, biex jintuża meta dan***

ikun iġġustifikat min-natura u l-kontenut tal-azzjoni kkonċernata.

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) F'konformità mal-Artikolu 155 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} ("ir-Regolament Finanzjarju"), l-entitajiet elenkati fl-Artikolu 62(1)(c) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 25(2) ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom kull sena. Ir-rekwiżiti ta' rapportar għal daww l-entitajiet huma stipulati fil-ftehim ta' verifika msemmi fl-Artikolu 130(3) tar-Regolament Finanzjarju.

^{1a} Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE l-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali li jindikaw l-allokazzjonijiet ippjanati biex tippromwovi l-prevedibbiltà u l-effettività fit-tul. Dan jenħtieġ li jgħin lill-Unjoni tkun aktar flessibbli fl-eżekuzzjoni tal-baġit u b'hekk issaħħaħ l-azzjonijiet ta'

imħassar

prevenzjoni u ta' tħejjija.

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) L-atti delegati jenħtieġ li jiddefinixxu kompetenzi msaħħa tal-Aġenziji ewlenin tal-Unjoni biex jimmaniġġaw il-kapaċitajiet tar-rescEU, imexxu l-proċess tal-akkwist u jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar kwantitajiet u prodotti speċifiċi li jitqiegħdu f'ċentri loġistiċi mxerrda ġeografikament.

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18b) L-istabbiliment, il-ġestjoni u d-distribuzzjoni tar-riżervi strateġiċi tal-Unjoni u l-kumulazzjoni ta' riżervi ta' kapaċitajiet dedikati għar-reazzjoni għall-emerġenzi mediċi fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa jenħtieġ li jikkomplementaw ir-riżervi tar-rescEU.

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jenħtieġ li jippermetti wkoll il-possibbiltà ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali volontarji mill-Istati Membri.

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Filwaqt li l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' tħejjija huma essenzjali biex tissaħħa is-sodezza tal-Unjoni meta tħabbat wiċċha ma' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, hija fin-natura tad-diżastri li l-okkorrenza, meta u d-daqs tagħhom huma imprevedibbli. Kif ħareġ fid-dieher fil-kriżi riċenti tal-COVID-19, ir-riżorsi finanzjarji mitluba biex tiġi żgurata reazzjoni xierqa jistgħu jvarjaw ħafna minn sena għal oħra u jenħtieġ li jkunu disponibbli minnufih. B'konsegwenza ta' dan, ir-rikonċiljazzjoni tal-prinċipji tal-prevedibbiltà mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda tfisser li l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi trid tiġi adattata. Għaldaqstant, minbarra l-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, ikun xieraq li l-approprijazzjonijiet li ma jintużawx jitħallew jiġu riportati, b'limitu għas-sena ta' wara u **biss** f'każ ta' **azzjoni** ta' reazzjoni.

Emenda

(23) Filwaqt li l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' tħejjija huma essenzjali biex tissaħħa is-sodezza tal-Unjoni meta tħabbat wiċċha ma' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, hija fin-natura tad-diżastri li l-okkorrenza, meta u d-daqs tagħhom huma imprevedibbli. Kif ħareġ fid-dieher fil-kriżi riċenti tal-COVID-19, ir-riżorsi finanzjarji mitluba biex tiġi żgurata reazzjoni xierqa jistgħu jvarjaw ħafna minn sena għal oħra u jenħtieġ li jkunu disponibbli minnufih. B'konsegwenza ta' dan, ir-rikonċiljazzjoni tal-prinċipji tal-prevedibbiltà mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda tfisser li l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi trid tiġi adattata. Għaldaqstant, minbarra l-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, ikun xieraq li l-approprijazzjonijiet li ma jintużawx jitħallew jiġu riportati, b'limitu għas-sena ta' wara u f'każ ta' **azzjonijiet ta' prevenzjoni, ta' tħejjija u ta' reazzjoni**.

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) ***L-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE mhuwiex flessibbli biżżejjed biex l-Unjoni tkun tista' taġġusta l-investimenti għall-prevenzjoni, għat-tħejjija u għar-reazzjoni b'mod xieraq, u għaldaqstant qiegħed jitħassar. Il-livelli ta' investimenti li se jiġu allokat i għall-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-immaniġġar tar-riskju ta' diżastri iridu jiġu deċiżi minn qabel. Dan in-nuqqas ta' flessibbiltà jżomm lura lill-Unjoni milli tkun f'pożizzjoni li tirreaġixxi għan-natura imprevedibbli tad-diżastri.***

Emenda

imħassar

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni Premessa 25a (ġdida)

(25a) Matul il-pandemija tal-COVID-19, sabiex ikun hemm kapaċitajiet tar-rescEU li jiffunzjonaw u biex il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jirreaġixxi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni, tqiegħdu għad-dispożizzjoni approprijazzjonijiet finanzjarji addizzjonali għall-finanzjament ta' azzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Huwa importanti li l-Unjoni tingħata l-flessibbiltà neċessarja biex tkun tista' tirreaġixxi b'mod effettiv għan-natura imprevedibbli tad-diżastri, filwaqt li fl-istess ħin iżżomm ċerta prevedibbiltà fit-twettiq tal-oġettivi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Huwa importanti li jinkiseb il-bilanċ neċessarju fit-twettiq ta' dawk l-oġettivi. Sabiex jiġu aġġornati l-perċentwali stabbiliti fl-Anness I, skont il-prijoritajiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni riformat, jenħtieġ li l-Kummissjon tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 1 – paragrafu 2

2. Il-protezzjoni li għandha tiġi żgurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandha primarjament tkopri l-persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull tip ta' diżastru naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inklużi l-konsegwenzi ta' atti terroristiċi u ta' diżastri teknoloġiċi, radjoloġiċi jew ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu ġewwa jew barra l-Unjoni. Fil-każ tal-konsegwenzi ta' atti terroristiċi jew diżastri radjoloġiċi, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jista' jkopri biss l-

(-1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-protezzjoni li għandha tiġi żgurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandha primarjament tkopri l-persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull tip ta' diżastru naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inklużi l-konsegwenzi ta' atti terroristiċi u ta' diżastri teknoloġiċi, radjoloġiċi jew ambjentali, tniġġis tal-baħar, **instabbiltà idroġeoloġika** u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu ġewwa jew barra l-Unjoni. Fil-każ tal-konsegwenzi ta' atti terroristiċi jew diżastri radjoloġiċi, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jista' j-

azzjonijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni.

jkopri biss l-azzjonijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni."

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 1 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni prattiċi, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri li jħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt **kulturali**, i fit-territorju tagħhom kontra diżastri u li jipprovdu kapaċitajiet suffiċjenti lis-sistemi tagħhom ta' ġestjoni tad-diżastri biex jippermettulhom **ilalhhqu** b'mod adegwat u konsistenti ma' diżastri ta' natura u skala li jistgħu raġonevolment jistennew u jkunu ppreparati għalihom.

Emenda

(-1a) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni prattiċi, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri li jħarsu l-persuni, l-ambjent, **l-art** u l-proprjetà, inkluż il-wirt **kulturali** fit-territorju tagħhom kontra diżastri u li jipprovdu kapaċitajiet suffiċjenti lis-sistemi tagħhom ta' ġestjoni tad-diżastri biex jippermettulhom **jipprevjenu u jlaħħqu** b'mod adegwat u konsistenti ma' diżastri ta' natura u skala li jistgħu raġonevolment jistennew u jkunu ppreparati għalihom."

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test fis-seħħ

(c) li tiġi ffaċilitata reazzjoni rapida u effiċjenti f'każ ta' diżastri jew diżastri imminenti, inkluż billi **jittieħdu miżuri biex jittaffew il-konsegwenzi immedjati ta' id-diżastri;**

Emenda

(-1b) Fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) li tiġi ffaċilitata reazzjoni rapida u effiċjenti f'każ ta' diżastri jew diżastri imminenti, inkluż billi **jitneħħa kwalunkwe ostaklu ta' natura burokratika.**"

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-punt li ġej:

"4a. "għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri" tfisser objettivi stabbiliti biex jappoġġaw azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija għall-finijiet tat-titjib tal-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jifilħu għall-effetti ta' diżastru li jikkawża jew li jista' jikkawża effetti transkonfinali, biex tiġi pprovduta bażi komuni rigward il-preservazzjoni, minkejja l-effetti ta' tali diżastru, ta' funzjonijiet soċjetali kritiċi, u biex jiġi żgurat li s-suq intern jiffunzjona kif xieraq f'kundizzjonijiet bħal dan;"

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test fis-seħħ

Emenda

(1b) Fl-Artikolu 5(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(c) tistabbilixxi u taġġorna regolarment perspettiva ġenerali u mappa transsettorjali tar-riskji ta' diżastri naturali jew **dawk** ikkawżati mill-bniedem li tista' tiffaċċja l-Unjoni, billi tieħu approċċ koerenti fl-oqsma ta' politika differenti li jistgħu jindirizzaw jew jaffettwaw il-prevenzjoni tad-diżastri u billi tieħu kont

"(c) tistabbilixxi u taġġorna regolarment perspettiva ġenerali u mappa transsettorjali tar-riskji ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem – **inklużi diżastri li jikkawżaw jew li jistgħu jikkawżaw effetti transkonfinali** – li tista' tiffaċċja l-Unjoni, billi tieħu approċċ koerenti fl-oqsma ta' politika differenti li

debitu tal-impatti possibbli tat-tibdil fil-klima;

jistgħu jindirizzaw jew jaffettwaw il-prevenzjoni tad-diżastri u billi tiegħu kont debitu tal-impatti possibbli tat-tibdil fil-klima;"

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt h

Test fis-seħħ

(h) tippromwovi l-użu ta' **diversi** fondi tal-Unjoni li jistgħu jappoġġaw il-prevenzjoni sostenibbli ta' diżastri u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lir-reġjuni **biex** jisfruttaw dawk l-opportunitajiet ta' finanzjament;

Emenda

(1c) Fl-Artikolu 5(1), il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) tippromwovi l-użu ta' fondi tal-Unjoni li jistgħu jappoġġaw il-prevenzjoni sostenibbli ta' diżastri, **inklużi dawk ikkawżati mill-instabbiltà idroġeoloġika**, u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lir-reġjuni jisfruttaw dawk l-opportunitajiet ta' finanzjament;"

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt -a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test fis-seħħ

(c) jiżviluppaw u jirfinaw aktar l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali adatt;

Emenda

(-a) Fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jiżviluppaw u jirfinaw aktar l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali adatt, **inkluż fir-rigward tal-kollaborazzjoni transfruntiera, fid-dawl tal-għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri msemmija fl-Artikolu 6(5) u r-riskji relatati ma' diżastri li jikkawżaw jew li kapaċi jikkawżaw effetti transkonfinali**;"

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt -aa (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test fis-seħħ

(d) iqqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sommarju tal-elementi rilevanti tal-valutazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b), b'enfasi fuq ir-riskji ewlenin. Għal riskji ewlenin li għandhom impatti **transkonfinali** kif ukoll, fejn xieraq, għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt qawwi, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu miżuri prijoritarji ta' prevenzjoni u tħejjija. Is-sommarju għandu jiġi pprovdut lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull tliet snin minn dik id-data 'l quddiem u kull meta jkun hemm bidliet importanti;

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) itejbu l-ġbir ta' data dwar it-telf mid-diżastri fil-livell nazzjonali jew fil-livell **sottonazzjonali** xieraq biex jiġu żgurati l-immudellar ta' xenarji bbażati fuq l-evidenza kif inhu msemmi fl-Artikolu 10(1).;

Emenda

(-aa) Fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) iqqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sommarju tal-elementi rilevanti tal-valutazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b), b'enfasi fuq ir-riskji ewlenin. Għal riskji ewlenin li għandhom impatti **transfruntiera u riskji relatati ma' diżastri li jikkawżaw jew jistgħu jikkawżaw effetti transkonfinali**, kif ukoll, fejn xieraq, għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt qawwi, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu miżuri prijoritarji ta' prevenzjoni u tħejjija. Is-sommarju għandu jiġi pprovdut lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull tliet snin minn dik id-data 'l quddiem u kull meta jkun hemm bidliet importanti;"

Emenda

(f) itejbu l-ġbir ta' data dwar it-telf mid-diżastri fil-livell nazzjonali jew fil-livell **subnazzjonali** xieraq biex jiġu żgurati l-immudellar ta' xenarji bbażati fuq l-evidenza kif inhu msemmi fl-Artikolu 10(1), **speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni tal-lakuni fil-kapaċitajiet transfruntiera ta' reazzjoni għad-diżastri.**

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha **tiddefinixxi** l-għanijiet **tar-reżiljenza** għad-diżastri biex tappoġġa azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija. L-għanijiet **tar-reżiljenza** għad-diżastri għandhom jiżguraw bażi għall-ħarsien tal-funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà fid-dawl tal-effetti tal-katina ta' avvenimenti imprevedibbli ta' diżastru b'impatt għoli u biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern. **Dawn** l-għanijiet għandhom ikunu bbażati fuq xenarji li jħarsu lejn il-futur, fosthom l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riskju ta' diżastri, data fuq avvenimenti tal-imgħoddi u analiżi tal-impatt transsettorjali b'attenzjoni partikolari għall-persuni vulnerabbli.

Fejn meħtieġ il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 30 biex tiddefinixxi l-għanijiet tal-Unjoni tar-reżiljenza għad-diżastri.

Emenda

5. **Sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni emendatorja],** il-Kummissjoni għandha **tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 sabiex tissupplementa din id-Deċiżjoni billi tistabbilixxi** l-għanijiet **tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza** għad-diżastri biex tappoġġa azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija. L-għanijiet **marbuta mar-reżiljenza** għad-diżastri għandhom jiżguraw bażi għall-ħarsien tal-funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà fid-dawl tal-effetti tal-katina ta' avvenimenti imprevedibbli ta' diżastru b'impatt għoli u biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern. **Dawk** l-għanijiet għandhom ikunu bbażati fuq xenarji li jħarsu lejn il-futur, fosthom l-impatt tat-tibdil fil-klima **u t-telf tal-bijodiversità** fuq ir-riskju ta' diżastri, data fuq avvenimenti tal-imgħoddi u analiżi tal-impatt transsettorjali **u analiżi tal-impatt soċjali fit-tul fuq ir-reġjuni affettwati,** b'attenzjoni partikolari għall-persuni vulnerabbli. **Fit-tfassil tal-għanijiet marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri, il-Kummissjoni għandha tiffoka speċifikament fuq diżastri rikorrenti li jolqtu r-reġjuni tal-Istati Membri u tissuġġerixxi li l-awtoritajiet nazzjonali jieħdu miżuri konkreti, inklużi dawk li għandhom jiġu implimentati bl-użu ta' fondi tal-Unjoni, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-kriżijiet.**

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

B'mod partikolari l-ERCC għandu jikkordina, jimmonitorja u jappoġġa ***r-rispons*** għall-emerġenzi fil-livell tal-Unjoni f'ħin reali. L-ERCC għandu jaħdem f'kuntatt mill-qrib mas-sistemi nazzjonali tal-kriżijiet, mal-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili u mal-korpi rilevanti tal-Unjoni.

Emenda

B'mod partikolari, l-ERCC għandu jikkordina, jimmonitorja u jappoġġa ***r-reazzjoni*** għall-emerġenzi fil-livell tal-Unjoni f'ħin reali. L-ERCC għandu jaħdem f'kuntatt mill-qrib mas-sistemi nazzjonali tal-kriżijiet, mal-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili, ***ma' gruppi volontarji fil-livell tal-komunità*** u mal-korpi rilevanti tal-Unjoni.

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 8 – punt c – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– biex jiżviluppa sistemi ta' detezzjoni u ta' twissija transnazzjonali ta' interess għall-Unjoni;

Emenda

– biex jiżviluppa sistemi ta' detezzjoni u ta' twissija ***bikrija*** transnazzjonali ta' interess għall-Unjoni ***sabiex jittaffew l-effetti immedjati tad-diżastri jew tal-pandemiji fuq il-ħajja tal-bniedem***;

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 8 – punt c – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***biex jagħti assistenza teknika ta' taħriġ lill-komunitajiet lokali bil-ħsieb li jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom fir-rigward tal-ewwel reazzjoni tagħhom għal kriżi mingħajr***

assistenza;

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 9 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Fl-Artikolu 9, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10a. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa sabiex jiżguraw li l-persunal tal-ewwel intervent ikun mgħammar u mħejji sew biex jirreaġixxi għal kwalunkwe tip ta' sitwazzjoni ta' diżastru kif imsemmi fl-Artikolu 1."

Emenda 48

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni u l-Istati **għandu** jaħdmu id f'id biex itejbu l-ippjanar tar-reżiljenza transsettorjali, kemm għal diżastri naturali kif ukoll għal dawk ikkawżati mill-bniedem li x'aktarx ikollhom effett **transfruntier**, fosthom l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. L-ippjanar tar-reżiljenza għandu jinkludi bini ta' xenarji fil-livell tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-reazzjoni ta' diżastri bbażata fuq il-valutazzjonijiet tar-riskji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) u l-ħarsa ġenerali lejn ir-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1), l-ippjanar dwar l-immaniġġar tar-riskji tad-diżastri msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1), id-data dwar it-telf marbuta mad-diżastri msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 6(1), l-immappjar tal-assi u l-

1. Il-Kummissjoni u l-Istati **Membri għandhom** jaħdmu id f'id biex itejbu l-ippjanar tar-reżiljenza transsettorjali, kemm għal diżastri naturali kif ukoll għal dawk ikkawżati mill-bniedem li x'aktarx ikollhom effett **transkonfinali**, fosthom l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima **u l-inċidenza dejjem akbar ta' nirien fil-foresti transfruntiera**. L-ippjanar tar-reżiljenza għandu jinkludi bini ta' xenarji fil-livell tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-reazzjoni ta' diżastri bbażata fuq il-valutazzjonijiet tar-riskji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) u l-ħarsa ġenerali lejn ir-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1), l-ippjanar dwar l-immaniġġar tar-riskji tad-diżastri msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1), id-data dwar it-telf marbuta mad-diżastri msemmija fil-punt (f) tal-

iżviluppar ta' pjanijiet għall-iskjerament tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-għanijiet tar-reżiljenza għad-diżastri tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6(5).

Artikolu 6(1), l-immappjar tal-assi u l-iżviluppar ta' pjanijiet għall-iskjerament tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-għanijiet tar-reżiljenza għad-diżastri tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6(5).

Emenda 49

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jippromwovu sinerġiji bejn l-iffinanzjar għal għajnuna għall-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar tar-reżiljenza għad-diżastri ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni għal kriżijiet umanitarji barra l-Unjoni.

Emenda

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jippromwovu sinerġiji bejn l-iffinanzjar għal għajnuna għall-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar tar-reżiljenza għad-diżastri ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni għal kriżijiet umanitarji barra l-Unjoni, ***b'konsultazzjoni, kemm jista' jkun, mal-atturi umanitarji – inklużi dawk lokali – u mal-awtoritajiet lokali.***

Emenda 50

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fuq il-bażi tar-riskji identifikati, ***l-għanijiet tar-reżiljenza msemmija fl-Artikolu 6(5), il-bini ta' xenarji msemmi fl-Artikolu 10(1) u l-kapaċitajiet u l-lakuni kumplessivi***, il-Kummissjoni għandha ***tiddefinixxi***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni ***skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2), it-tipi*** u l-għadd ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni ewlenin ***ikunu*** meħtieġa għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ("l-għanijiet tal-kapaċità").

Emenda

2. Fuq il-bażi tar-riskji identifikati, ***il-kapaċitajiet ġenerali, il-lakuni u kwalunkwe għan tal-Unjoni marbut mar-reżiljenza għad-diżastri eżistenti kif imsemmi fl-Artikolu 6(5), u kwalunkwe bini ta' xenarji eżistenti kif imsemmi fl-Artikolu 10(1), il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi t-tipi u tispeċifika*** l-għadd ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni ewlenin meħtieġa għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ("l-għanijiet tal-kapaċità"). ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati***

Emenda 51

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tuża atti ta' implimentazzjoni **adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 33(2)** biex tiddefinixxi l-kapaċitajiet tar-rescEU, fuq il-bażi **tal-għanijiet ta' reżiljenza msemija fl-Artikolu 6(5), tal-bini ta' xenarji msemija fl-Artikolu 10(1)**, b'kunsiderazzjoni tar-riskji identifikati u emerġenti u tal-kapaċitajiet u l-lakuni kumplessivi fil-livell tal-Unjoni, partikolarment fl-oqsma tat-tifi **tan-nar tal-foresti** mill-ajru, tal-inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, u reazzjoni medika ta' emerġenza.

Emenda

2. **Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, f'ċentri loġistiċi, riżervi Ewropej ta' kontromiżuri mediċi u tagħmir mediku li jinkludu l-kontromiżuri mediċi li jirrispondu għal ċirkostanzi li jkollhom impatt kbir u probabbiltà baxxa.** Il-Kummissjoni għandha tuża atti ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi **fiex jikkonsistu** l-kapaċitajiet tar-rescEU, fuq il-bażi – *inter alia* – **ta' kwalunkwe għan tal-Unjoni marbut mar-reżiljenza għad-diżastri kif imsemmi fl-Artikolu 6(5) u kwalunkwe bini ta' xenarji eżistenti kif imsemmi fl-Artikolu 10(1)**, b'kunsiderazzjoni tar-riskji identifikati u emerġenti u tal-kapaċitajiet u l-lakuni kumplessivi fil-livell tal-Unjoni, partikolarment fl-oqsma tat-tifi **tan-nirien fil-foresti** mill-ajru, **tas-salvataġġi wara terremoti u għargħar**, tal-inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, u **ta'** reazzjoni medika **f'każ** ta' emerġenza. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 33(2).** **Il-Kummissjoni għandha taggħorna regolarment l-informazzjoni dwar l-għadd u l-klassifikazzjoni tal-kapaċitajiet tar-rescEU u tqiegħed dik l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni direttament.**

Emenda 52

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Fir-rigward tal-kapaċitajiet iddedikati għar-reazzjoni għal emerġenzi mediċi, bħal pereżempju ħażna strateġika, timijiet mediċi ta' emerġenza u kwalunkwe kapaċità rilevanti oħra, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jinkisbu sinerġiji u koordinazzjoni effettivi ma' programmi oħra tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-Programm l-UE għas-Saħħa^{1a} u ma' atturi rilevanti oħra tal-Unjoni u fil-livell internazzjonali.

^{1a} ***Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa"), COM(2020) 405 final***

Emenda 53

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu akkwistati, miksuba b'lokazzjoni jew mikrija u / jew inkella kkuntrattati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' takkwista, tikri, tikseb b'lokazzjoni jew inkella tikkuntratta kapaċitajiet tar-rescEU biex tisstokkja jew tiddistribwixxi provvisti jew biex tagħti servizz lill-Istati Membri permezz ta' proċedura ta' akkwist konformi mar-regoli finanzjarji tal-Unjoni. Meta l-kapaċitajiet tar-rescEU jiġu akkwistati, ***jinkrew, jinkisbu*** b'lokazzjoni jew ***inkella kkuntrattati*** mill-Istati Membri, ikunu jistgħu jiġu konċessi għotjiet diretti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri mingħajr sejħa għall-proposti.

Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu akkwistati, miksuba b'lokazzjoni jew mikrija u / jew inkella kkuntrattati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' takkwista, tikri, tikseb b'lokazzjoni jew inkella tikkuntratta kapaċitajiet tar-rescEU biex tisstokkja jew tiddistribwixxi provvisti ***ta' kwalità għolja*** jew biex tagħti servizz lill-Istati Membri permezz ta' proċedura ta' akkwist konformi mar-regoli finanzjarji tal-Unjoni. ***Meta l-Kummissjoni tikseb il-kapaċitajiet tar-rescEU, hija għandha żżomm is-sjeda ta' tali kapaċitajiet anke meta dawn jitqassmu lill-Istati Membri. Meta l-kapaċitajiet tar-rescEU jiġu mikrija, miksuba b'lokazzjoni jew ikkuntratti b'xi mod ieħor mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha żżomm il-kontroll sħiħ ta' tali kapaċitajiet. Meta l-Kummissjoni tikseb kapaċitajiet li ma jistgħux jerġgħu***

jintużaw, hija tista' tittrasferixxi s-sjieda ta' tali kapaċitajiet lill-Istat Membru rikjendenti. Meta l-kapaċitajiet tar-rescEU jiġu akkwistati, *mikrija, miksuba* b'lokazzjoni jew *ikkuntrattati b'xi mod ieħor* mill-Istati Membri, ikunu jistgħu jiġu konċessi għotjiet diretti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri mingħajr sejħa għall-proposti.

Emenda 54

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu ospitati fl-Istati Membri li jakkwistaw, jikru, jiksbu b'lokazzjoni jew inkella jikkuntrattaw daww il-kapaċitajiet. Biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni, il-kapaċitajiet tar-rescEU li jiġu akkwistati, mikrija, miksuba b'lokazzjoni jew *inkella kkuntrattati* mill-Kummissjoni jridu jiġu prepożizzjonati b'mod strateġiku ġewwa l-Unjoni. *F'konsultazzjoni mal-Istati Membri, il-kapaċitajiet ta' rescEU li jiġu akkwistati, jinkrew, miksuba b'lokazzjoni jew inkella kkuntrattati mill-Kummissjoni jistgħu jiġu lokalizzati wkoll f'pajjiżi terzi permezz ta' networks f'dati ġestiti minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.*

Emenda 55

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt aa (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. *Stat* Membru li *huwa* sid ta', li *jikri* jew li

Emenda

Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu ospitati fl-Istati Membri li jakkwistaw, jikru, jiksbu b'lokazzjoni jew inkella jikkuntrattaw daww il-kapaċitajiet. Biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni, il-kapaċitajiet tar-rescEU li jiġu akkwistati, mikrija, miksuba b'lokazzjoni jew *ikkuntrattati b'xi mod ieħor* mill-Kummissjoni jridu jiġu prepożizzjonati b'mod strateġiku ġewwa l-Unjoni.

Emenda

(aa) Il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. *Il-Kummissjoni* jew *l-Istat* Membru li

jkollu *b'lease*, kapaċitajiet tar-rescEU għandu *jiżgura r-reġistrazzjoni* ta' dawk il-kapaċitajiet fis-CECIS, u d-disponibbiltà u l-istazzjonabbiltà tagħhom għal operazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

Il-kapaċitajiet tar-rescEU jistgħu jintużaw biss għal finijiet nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 23(4a), meta ma jkunux użati jew meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jintużaw f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati taħt il-punt (g) tal-Artikolu 32(1) u mal-kuntratti operazzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru li jkun is-sid ta', jew li jkun qed jikri jew ikollu *b'lease*, tali kapaċitajiet, li jispeċifikaw aktar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-istazzjonar ta' kapaċitajiet tar-rescEU, inkluż il-persunal parteċipanti.

jkunu sid ta', li *jikru*, li *jkollhom b'lokazzjoni jew li b'xi mod ieħor jikkuntrattaw* kapaċitajiet tar-rescEU *għandhom jiżguraw ir-reġistrazzjoni* ta' dawk il-kapaċitajiet fis-CECIS, u d-disponibbiltà u l-istazzjonabbiltà tagħhom għal operazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

Il-kapaċitajiet tar-rescEU jistgħu jintużaw biss għal finijiet nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 23(4a), meta ma jkunux użati jew meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jintużaw f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati taħt il-punt (g) tal-Artikolu 32(1) u mal-kuntratti operazzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru li jkun is-sid ta', jew li jkun qed jikri jew ikollu *b'lokazzjoni*, tali kapaċitajiet, li jispeċifikaw aktar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-istazzjonar ta' kapaċitajiet tar-rescEU, inkluż il-persunal parteċipanti.

It-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fil-kuntratti operazzjonali għandhom jiżguraw ukoll li l-kapaċitajiet tar-rescEU jintużaw f'konformità ma' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari mar-rekwiżit li l-kapaċitajiet tar-rescEU jkunu disponibbli kif stabbilit fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu u mal-għanijiet ġenerali kif stabbiliti fl-Artikolu 1. Dawk it-termini u l-kundizzjonijiet għandhom ukoll jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità sabiex jiġihom l-użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni.

Emenda 56

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 10 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

il-kapaċitajiet *ta' rescEU* jistgħu *jiġi skjerati* barra mill-Unjoni skont il-paragrafi minn 6 sa 9 ta' dan l-Artikolu.

Emenda

il-kapaċitajiet *tar-rescEU* jistgħu *jintużaw* barra mill-Unjoni skont il-paragrafi minn 6 sa 9 ta' dan l-Artikolu. *Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi li jiggarrantixxu r-responsabbiltà u l-użu korrett tal-kapaċitajiet tar-rescEU f'pajjiżi terzi,*

inkluż l-għoti ta' aċċess minn uffiċjali ta' kontroll tal-Unjoni. Il-viżibbiltà tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni f'pajjiżi terzi għandha tiġi żgurata f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 20a ta' din id-Deċiżjoni.

Emenda 57

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(fa) joħloq kapaciċitajiet ta' għarfien espert speċifiku ta' reazzjoni li jistgħu jintużaw f'każ ta' diżastri li jaffettwaw il-wirt kulturali."

Emenda 58

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) tiġbor u tanalizza informazzjoni validata dwar is-sitwazzjoni, flimkien mal-Istat **Membri** milqut, bil-għan li tiġġenera għarfien komuni tas-sitwazzjoni, u xxerrdu fost l-Istati Membri;

(b) tiġbor u tanalizza informazzjoni validata dwar is-sitwazzjoni, flimkien mal-Istat **Membru** milqut, bil-għan li tiġġenera għarfien komuni tas-sitwazzjoni **u r-reazzjoni għaliha**, u xxerrdu **direttament** fost l-Istati Membri;

Emenda 59

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 16 – paragrafu 2

2. L-interventi taħt dan l-Artikolu jistgħu jitmexxew jew bħala intervent awtonomu ta' assistenza jew bħala kontribut għal intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali. Il-koordinazzjoni mill-Unjoni għandha tkun integrata b'mod sħiħ mal-koordinazzjoni globali pprovduta mill-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti (OCHA), u għandha tirrispetta r-rwol ta' tmexxija ta' dan tal-aħħar. Fil-każ ta' diżastri kkawżati mill-bniedem jew emerġenzi kumplessi, il-Kummissjoni għandha tiżgura konsistenza mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja, u tirrispetta l-prinċipji umanitarji.

(9a) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-interventi taħt dan l-Artikolu jistgħu jitmexxew jew bħala intervent awtonomu ta' assistenza jew bħala kontribut għal intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali. Il-koordinazzjoni mill-Unjoni għandha tkun integrata b'mod sħiħ mal-koordinazzjoni globali pprovduta mill-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti (OCHA), u għandha tirrispetta r-rwol ta' tmexxija ta' dan tal-aħħar. Fil-każ ta' diżastri kkawżati mill-bniedem jew emerġenzi kumplessi, il-Kummissjoni għandha, **kemm jista' jkun, tikkonsulta mal-atturi umanitarji, inklużi daww lokali, u** tiżgura konsistenza mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja, u tirrispetta l-prinċipji umanitarji."

Emenda 60

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) fuq talba għal kompetenza esperta fil-prevenzjoni **b'konformità** mal-Artikolu 5(2);

Emenda

(a) fuq talba għal kompetenza esperta fil-prevenzjoni **f'konformità** mal-Artikolu 5(2), **partikolarment f'każ ta' pandemija;**

Emenda 61

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) fuq talba għal kompetenza esperta fit-

Emenda

(b) fuq talba għal kompetenza esperta fit-

tħejjija *b'konformità* mal-Artikolu 13(3);

tħejjija *f'konformità* mal-Artikolu 13(3),
partikolarment f'każ ta' pandemija;

Emenda 62

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) tiżviluppa materjal kartografiku għall-użu u l-mobilizzazzjoni rapidi tar-riżorsi, speċjalment fid-dawl tal-ispeċifikażjonijiet tar-reġjuni transfruntiera għall-fini ta' riskji transkonfinali bħal nirien fil-foresti;

Emenda 63

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt ba (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

L-allokazzjoni finanzjarja msemmija *fil-paragrafu 1 jista' jkopri* wkoll spejjeż marbuta mal-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni, li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni u għall-ksib tal-oġġettivi tiegħu.

(ba) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-allokazzjoni finanzjarja msemmija *fil-paragrafi 1 u 1a ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 19a tista' tkopri* wkoll spejjeż marbuta mal-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni, li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni u għall-ksib tal-oġġettivi tiegħu."

Emenda 64

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt bb (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 3a (ġdid)

(bb) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafi 1 u 1a ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 19a għandu jiġi allokat biex ikopri azzjonijiet dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem."

Emenda 65

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt c

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 4

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

imħassar

"4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafi 1 u 1a għandu jkun allokat biex ikopri azzjonijiet dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.";

Emenda 66

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 4

4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat, fuq **il-perjodu** mill-2014 sal-2020, skont il-perċentwali u l-

(ca) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat, fuq il-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-perċentwali **mniżżlin fil-punt 1 tal-Anness 1** u l-prinċipji

prinċipji mniżżlin *fl-Anness I*.

mniżżlin *fil-punt 3 ta' dak l-Anness.*";

Emenda 67

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt cb (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 19a għandu jiġi allokat, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, skont il-perċentwali mniżżlin fil-punt 2 tal-Anness 1 u l-prinċipji mniżżlin fil-punt 3 ta' dak l-Anness."

Emenda 68

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt d

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafi 5 u 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) il-paragrafi 5 u 6 huma mħassra.

imħassar

Emenda 69

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt da (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

Emenda

(da) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi *il-mod* ta' tqassim imniżżel fl-Anness I fid-dawl tal-eżitu tal-evalwazzjoni *interim imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 34(2)*. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn neċessarju, fid-dawl *tar-riżultati ta' dik ir-reviżjoni*, atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 30, biex tagħgusta kull waħda miċ-ċifri *fl-Anness I b'aktar minn 8 punti perċentwali u sa 16-il punt* perċentwali. *Dawk l-atti ddelegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Ġunju 2017.*

Emenda 70

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt db (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 6

Test fis-seħħ

6. Meta, f'każ ta' reviżjoni neċessarja tar-riżorsi baġitarji disponibbli għall-azzjonijiet ta' reazzjoni, raġunijiet imperattivi ta' urġenza hekk jirrikjedu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti *ddelegati* biex tagħgusta kull waħda miċ-ċifri *fl-Anness I* b'aktar minn *8 punti perċentwali u sa 16-il punt* perċentwali, fl-allokkazzjonijiet baġitarji disponibbli u f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 31.

Emenda 71

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt dc (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

"5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi *l-mod* ta' tqassim imniżżel fl-Anness I fid-dawl tal-eżitu tal-evalwazzjoni *msemmija fl-Artikolu 34(3)*. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn neċessarju, fid-dawl *ta' avvenimenti mhux mistennija li jaffettwaw l-eżekuzzjoni tal-baġit jew fid-dawl tal-istabbiliment ta' kapaċitajiet tar-rescEU*, atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 30 *sabiex temenda l-Anness I* biex tagħgusta kull waħda miċ-ċifri *fil-punti 1 u 2 tal-Anness I* b'aktar minn *10 punti* perċentwali.";

Emenda

(db) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Meta, f'każ ta' reviżjoni neċessarja tar-riżorsi baġitarji disponibbli għall-azzjonijiet ta' reazzjoni, raġunijiet imperattivi ta' urġenza hekk jirrikjedu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti *delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex temenda l-Anness I* biex tagħgusta kull waħda miċ-ċifri *fil-punti 1 u 2 tal-Anness I* b'aktar minn *10 punti* perċentwali, fl-allokkazzjonijiet baġitarji disponibbli u f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 31.";

Emenda

(dc) Fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu li

ġej:

"6a. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jawtorizzaw l-appropriazzjonijiet annwali disponibbli mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 u l-Ftehim Interistituzzjonali ta'... 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja soda."

Emenda 72

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19a – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament [ERI] għandhom jiġu implimentati skont din id-Deċiżjoni **permezz tal-ammonti msemmija** fil-punt (iv) tal-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament, soġġetti għall-Artikolu 4(4) u (8) tiegħu.

Emenda

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament [ERI] għandhom jiġu implimentati skont din id-Deċiżjoni **b'ammont ta' EUR 2 187 620 000 fi prezzijiet attwali kif imsemmi** fil-punt (iv) tal-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament, soġġetti għall-Artikolu 4(4) u (8) tiegħu.

Emenda 73

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 20a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni

Kwull assistenza jew finanzjament ipprovduti **skont** din id-Deċiżjoni għandhom jingħataw viżibilità xierqa. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komunikazzjoni pubblika għal operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni:

Emenda

Kwalunkwe assistenza jew finanzjament ipprovduti **taħt** din id-Deċiżjoni għandhom jingħataw viżibilità xierqa **f'konformità mal-linji gwida speċifiċi maħruġa mill-Kummissjoni għal interventi konkreti**. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komunikazzjoni pubblika għal

operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni:

Emenda 74

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 20a – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-kapaċitajiet tar-RescEU jintużaw għal finijiet nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 12(5), l-Istati Membri għandhom, permezz tal-istess mezzi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, jirrikonoxxu l-orijini ta' dawk il-kapaċitajiet u jiżguraw il-viżibilità tal-finanzjament tal-Unjoni użat biex jinkisbu dawk il-kapaċitajiet.

Emenda 75

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt aa (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt h

Test fis-seħħ

Emenda

(h) l-appoġġ għall-attivitajiet ta' tħejjija deskritti fl-Artikolu 13;

(aa) Fl-Artikolu 21(1), il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) l-appoġġ għall-attivitajiet ta' tħejjija deskritti fl-Artikolu 13, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tan-networks ta' taħriġ eżistenti, is-sinerġiji bejniethom, u t-trawwim tal-ħolqien ta' networks ġodda b'attenzjoni għal soluzzjonijiet innovattivi u riskji u sfidi ġodda;"

Emenda 76

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-assistenza finanzjarja msemija f'dan il-paragrafu tista' tiġi implimentata permezz ta' programmi ta' ħidma pluriennali. Għal azzjonijiet li jestendu lil hinn minn sena waħda, l-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali.";

imħassar

Emenda 77

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta *l-assistenza finanzjarja* tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament *Finanzjarju b'ġestjoni diretta* jew *b'ġestjoni* indiretta *flimkien ma' korpi* msemija fl-Artikolu 62(1)(c) *tar-Regolament Finanzjarju*.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta *l-appoġġ finanzjarju* tal-Unjoni *f'ġestjoni diretta* f'konformità mar-Regolament (*UE, Euratom*) *2018/1046* jew *f'ġestjoni* indiretta *mal-korpi* msemija fl-Artikolu 62(1)(c) *ta' dak ir-Regolament. Meta jintgħażel il-mod ta' implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju, għandha tingħata prijorità lill-ġestjoni diretta. Meta jkun iġġustifikat min-natura u l-kontenut tal-azzjoni kkonċernata, il-Kummissjoni tista' tuża ġestjoni indiretta. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex tissupplimenta din id-Deċiżjoni billi tistabbilixxi azzjonijiet imwettqa fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni li jistgħu jiġu implimentati b'ġestjoni indiretta.*

Emenda 78

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 25 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Sabiex ***tiġi implimentata*** din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali ***jew pluriennali***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***f'konformità*** mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2). Il-programmi ta' ħidma annwali ***jew pluriennali*** għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' implimentazzjoni. Fir-rigward tal-assistenza finanzjarja msemmija fl-Artikolu 28(2), il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jiddeskrivu l-azzjonijiet previsti għall-pajjiżi msemmija fihom.

Sabiex ***timplimenta*** din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***f'konformità*** mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2). Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' implimentazzjoni. Fir-rigward tal-assistenza finanzjarja msemmija fl-Artikolu 28(2), il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jiddeskrivu l-azzjonijiet previsti għall-pajjiżi msemmija fihom.

Emenda 79**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 25 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Madankollu, l-ebda programm ta' ħidma annwali ***jew pluriennali*** ma għandu jkun meħtieġ għal azzjonijiet li jaqgħu taħt ir-reazzjoni f'każ ta' diżastru stabbiliti fil-Kapitolu IV, li ma jistgħux jiġu previsti minn qabel.

Madankollu, l-ebda programm ta' ħidma annwali ma għandu jkun meħtieġ għal azzjonijiet li jaqgħu taħt ir-reazzjoni f'każ ta' diżastru stabbiliti fil-Kapitolu IV, li ma jistgħux jiġu previsti minn qabel.

Emenda 80**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 25 – paragrafu 5

5. Flimkien mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, li ma jkunux intużaw sa tmiem is-sena finanzjarja li għaliha kienu ddaħħlu fil-baġit annwali għandhom awtomatikament jiġu riportati u jistgħu jiġu impenjati u mħallsa sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara. L-appropriazzjonijiet riportati għandhom jintużaw **biss** għall-azzjonijiet ta' reazzjoni. L-ammont riportat għandu jintuża l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.

5. Flimkien mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, li ma jkunux intużaw sa tmiem is-sena finanzjarja li għaliha kienu ddaħħlu fil-baġit annwali għandhom awtomatikament jiġu riportati u jistgħu jiġu impenjati u mħallsa sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara. L-appropriazzjonijiet riportati għandhom jintużaw għall-azzjonijiet ta' **prevenzjoni, tħejjija u** reazzjoni. L-ammont riportat għandu jintuża l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.

Emenda 81

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 30 – paragrafu 2

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(5) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(5), **fl-Artikolu 19(5) u (6)**, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(3) **u fl-Artikolu 25(2)** għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.

Emenda 82

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt aa (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 30 – paragrafu 3

(aa) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

Emenda 83

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt b

Artikolu 30 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 6(5) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe **ħin** mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ

Emenda

4. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 6(5), **fl-Artikolu 19(5) u (6)**, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(3) **u fl-Artikolu 25(2)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe **mument** mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ

Emenda 84

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt c

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 30 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 6(5) **jew mat-tieni** subparagrafu tal-Artikolu 21(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

7. Att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 6(5), **l-Artikolu 19(5) u (6), it-tieni** subparagrafu tal-Artikolu 21(3) **jew l-Artikolu 25(2)** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 85

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) fl-Artikolu 34(2), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni emendatorja], il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni kif ukoll il-koordinazzjoni u s-sinerġiji miksuba mal-Programm l-UE għas-Saħħa u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-saħħa, bil-ħsieb li tippreżenta proposta leġiżlattiva li tkun tinkludi l-ħolqien ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Rispons Sanitarju speċifiku."

Emenda 86

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23**

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Anness I

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23) L-Anness I huwa mħassar.

imħassar

Emenda 87

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)**

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Anness I

Test fis-seħħ

Emenda

Anness I

(23a) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

"Anness I

Perċentwali u prinċipji għall-allokazzjoni tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni msemmi fl-

Perċentwali għall-allokazzjoni tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 19(1)

Prevenzjoni: **20 % +/- 8** punti perċentwali

Stat ta' Thejġija: **50 % +/- 8** punti perċentwali

Reazzjoni: **30 % +/- 8** punti perċentwali

Prinċipji

Meta timplimenta din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-azzjonijiet li għalihom din id-Deċiżjoni tistabbilixxi skadenza fil-perjodu li jwassal għall-iskadenza ta' dik l-iskadenza, bl-oġġettiv li tiġi **sodisfatta** l-iskadenza inkwistjoni.

Artikolu 19(1) u (1a) u l-Artikolu 19a

1. Perċentwali għall-allokazzjoni tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 19(1) ***għall-perjodu mill-2014 sal-2020***

Prevenzjoni: **10 % +/- 10** punti perċentwali

Stat ta' Thejġija: **65 % +/- 10** punti perċentwali

Reazzjoni: **25 % +/- 10** punti perċentwali

2. ***Perċentwali għall-allokazzjoni tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 19a għall-perjodu mill-2021 sal-2027***

Prevenzjoni: 8 % +/- 10 punti perċentwali

Stat ta' Thejġija: 80 % +/- 10 punti perċentwali

Reazzjoni: 12 % +/- 10 punti perċentwali

3. Prinċipji

Meta timplimenta din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-azzjonijiet li għalihom din id-Deċiżjoni tistabbilixxi skadenza fil-perjodu li jwassal għall-iskadenza ta' dik l-iskadenza, bl-oġġettiv li tiġi **ssodisfata** l-iskadenza inkwistjoni."